DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/1823

tat-18 ta' Ottubru 2021

li temenda d-Deċiżjoni 2013/798/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Diċembru 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/798/PESK [1], dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana.

(2) Fid-29 ta' Lulju 2021, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 2588 (2021), li testendi l-eżenzjonijiet għall-embargo fuq l-armi u twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri restrittivi.

(3) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni biex ċerti miżuri jiġu implimentati.

(4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/798/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2013/798/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2(1), il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(g) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' armi b'kalibru ta' 14,5 mm jew anqas u munizzjon u komponenti mfassla speċjalment għal tali armi, u ta' vetturi militari tal-art mhux armati u vetturi militari tal-art immuntati b'armi b'kalibru ta' 14,5 mm jew inqas, u l-partijiet ta' rikambju tagħhom, u tal-granati bi propulsjoni ta' rokit, u munizzjon imfassal speċjalment għal tali armi, u ta' mortars b'kalibru ta' 60 mm u 82 mm, u munizzjon imfassal apposta għal tali armi, u l-forniment ta' assistenza relatata, lill-forzi tas-sigurtà tar-RĊA, inkluż l-istituzzjonijiet statali tal-infurzar tal-liġi ċivili, meta tali armi, munizzjon, komponenti u vetturi jkunu intenzjonati biss għall-appoġġ tal-proċess tar-RĊA għar-RSS jew għal użu fih, kif innotifikat minn qabel lill-Kumitat;';

(2) fl-Artikolu 2a(1), jiżdied il-punt li ġej:

"(k) involuti fl-ippjanar, id-direzzjoni, l-isponsorjar jew it-twettiq ta' atti fir-RĊA li jiksru d-dritt umanitarju internazzjonali, inklużi attakki kontra persunal mediku jew persunal umanitarju,";

(3) fl-Artikolu 2b(1), jiżdied il-punt li ġej :

"(k) involuti fl-ippjanar, id-direzzjoni, l-isponsorjar jew it-twettiq ta' atti fir-RĊA li jiksru d-dritt umanitarju internazzjonali, inklużi attakki kontra persunal mediku jew persunal umanitarju,".

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/798/PESK tat-23 ta' Diċembru 2013 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 51).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-18 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES